22002D0075

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 75/2002

tal-25 ta'Ġunju 2002

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet Veterinarji u fitosanitarji) li jinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I li jinsab mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 149/2001 tal-11 ta' Diċembru 2001 ([1]).

(2) Sitt atti li jikkonċernaw is-saħħa ta'l-annimali – skambju u tqegħid fis-suq ta' annimali ħajjin – għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjonijiet 97/315/KE ([2]), 97/262/KE ([3]), 97/263/KE ([4]) u 1999/465/KE ([5]) li huma diġà inkorporati fil-Ftehim, għandhom jiġu mċaqalqa għal punt ieħor fil-Kapitolu I ta' l-Anness I li jinsab mal-Ftehim.

(4) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tgħodd għall-Islanda u l-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

It-Taqsima 4.2 tal-Kapitolu I ta' l-Annes I li jinsab mal-Ftehim għandha tiġi emendata kif speċifikat fl-Anness li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2001/24/KE ([6]), 2001/26/KE ([7]), 2001/28/KE ([8]), 2001/106/KE ([9]), 2001/292/KE ([10]) u 2001/296/KE ([11]) fil-lingwa tan-Norveġja,li għandhom jiġu ppublikati fis-Supplimet ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 65, tas-7.3.2002, p. 20.
([2]) ĠU L 137, tat-28.5.1997, p. 20.
([3]) ĠU L 104, tat-22.4.1997, p. 33.
([4]) ĠU L 104, tat-22.4.1997, p. 34.
([5]) ĠU L 181, tas-16.7.1999, p. 32.
([6]) ĠU L 6, tal-11.1.2001, p. 14.
([7]) ĠU L 6, tal-11.1.2001, p. 18.
([8]) ĠU L 6, tal-11.1.2001, p. 21.
([9]) ĠU L 39, tad-9.2.2001, p. 39.
([10]) ĠU L 100, tal-11.4.2001, p. 28.
([11]) ĠU L 102, tat-12.4.2001, p. 58.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Ġunju, kemm-il darba n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu intgħamlu lill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-Taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', l-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Ġunju 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali ma huma indikati.

L-ANNESS

It-Taqsima 4.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I li jinsab mal-Ftehim għandha tiġi emendata kif speċifikat hawn taħt.

1. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-punt 14 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE):

   "– **397 D 0315**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/315/KE tat-30 ta' April 1997 (ĠU L 137, tat-28.5.1997, p. 20),

   – **32001 D 0292**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/292/KE tad-29 ta' Marzu 2001 (ĠU L 100, tal-11.4.2001, p. 28)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 45 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/467/KE):

   "– **32001 D 0026**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/26/KE tas-27 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 6, tal-11.1.2001, p. 18)."

3. It-test tal-punt 47 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/315/KE) għandu jitħassar.

4. Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 56 (Deċiżjoni tal-Kummissajoni 2000/504/KE):

   ", kif emendat b':

   – **32001 D 0024**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/24/KE tas-27 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 6, tal-11.1.2001, p. 14)."

5. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 57 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/678/KE):

   "58. **397 D 0262**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/262/KE ta' l-4 ta' April 1997 li tissospendi l-istatus ta' l-Irlanda fir-rigward tal-marda *Newcastle* (ĠU L 104, tat-22.4.1997, p. 33).

   59. **397 D 0263**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/263/KE ta' l-4 April 1997 li tissospendi l-istatus ta' reġjun tar-Renju Unit fir-rigward tal-marda *Newcastle* (ĠU L 104, tat-22.4.1997, p. 34).

   60. **399 D 0465**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/465/KE tat-13 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi status uffiċjalment ħieles *enzootic-bovine-leukosis* tal-merħliet bovini ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni ta' Stati Membri (ĠU L 181, tas-16.7.1999, p. 32), kif emendata bi:

      – **32001 D 0028**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/28/KE tas-27 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 6, tal-11.1.2001, p. 21).

   61. **32001 D 0106**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/106/KE ta' l-24 ta' Jannar 2001 li tistabbilixxi il-mudell għall-listi ta' unitajiet approvati mill-Istati Membri għall-kummerċ intra-Komunitarju f'annimali ħajjin, sperma u embriji u r-regoli li japplikaw għat-trasmissjoni ta' dawn il-listi lill-Kummissjoni (ĠU L 39, tad-9.2.2001, p. 39).

   62. **32001 D 0296**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/296/KE tad-29 ta' Marzu 2001 li tawtorizza li laboratorji jivverifikaw l-effettività ta' vaċċini kontra l-idrofobija f'ċerti karnivori domestiċi (ĠU L 102, tat-12.4.2001, p. 58)."

6. Taħt l-intestatura ATTI LI GĦALIHOM L-ISTATI EFTA U L-AWTORITA EFTA TA' SORVELJANZA GĦANDU JINGĦATA KONT DEBITU, IT-TEST TAL-PUNTI 43 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/262/KE), 44 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/263/KE) u 46 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 99/465/KE) għandu jitħassar.